

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/352**tal-25 ta' Frar 2021****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/905 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/819/PESK ⁽¹⁾ li taħtar lis-Sur Alexander RONDOS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Qarn tal-Afrika.
- (2) Il-mandat tas-Sur Alexander RONDOS bħala r-RSUE għall-Qarn tal-Afrika ġie mġedded suċċessivament, l-aktar reċentement bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/905 ⁽²⁾, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1014 ⁽³⁾. Il-mandat tar-RSUE għandu jintemm fit-28 ta' Frar 2021.
- (3) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż għal perijodu ulterjuri ta' erba' xhur u jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (4) Ir-RSUE ser jimplementa l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/905 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-mandat tas-Sur Alexander RONDOS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Qarn tal-Afrika huwa estiż sat-30 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jintemm aktar kmieni, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGH).";

- (2) fl-Artikolu 5(1), jiddied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021 għandu jkun ta' EUR 345 000.";

- (3) fl-Artikolu 14, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-rapport komprensiv finali dwar l-implementazzjoni tal-mandat tar-RSUE għandu jiġi ppreżentat sat-30 ta' April 2021.".

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/819/PESK tat-8 ta' Diċembru 2011 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (ĠU L 327, 9.12.2011, p. 62).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/905 tal-25 ta' Ġunju 2018 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (ĠU L 161, 26.6.2018, p. 16).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1014 tat-13 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/905 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (ĠU L 225 I, 14.7.2020, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS
